VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 18,607, 11 ta' Ġunju, 2010

Taqsima B

A.L. 328 tal-2010

ATT DWAR IT-TAXXA FUQ L-*INCOME* (KAP. 123)

Ordni tal-2010 dwar Ħelsien minn Taxxa Doppja (Taxxi fuq l-*Income*) (Ir-Repubblika l-Kbira Għarbija tal-Libja tal-Poplu Soċjalista)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artiklu 76 tal-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income*, il-Ministru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment għamel dan l-ordni li ġej:

Titolu.

1. It-titolu ta' dan l-ordni hu Ordni tal-2010 dwar Ħelsien minn Taxxa Doppja (Taxxi fuq l-*Income*) (Ir-Repubblika l-Kbira Għarbija tal-Libja tal-Poplu Soċjalista).

Arranġamenti jkollhom effett.

2. B'dan qiegħed jiġi dikjarat -

(a) illi l-arranġamenti speċifikati fil-Ftehim muri fl-Iskeda li tinsab ma' dan l-Ordni saru mar-Repubblika l-Kbira Għarbija tal-Libja tal-Poplu Soċjalista sabiex jagħtu ħelsien minn taxxa doppja dwar taxxi li ġejjin imposti bil-liġijiet tar-Repubblika l-Kbira Għarbija tal-Libja tal-Poplu Soċjalista:

- it-taxxa fuq l-*income*, liġi Numru (11) tal-1372 P.D (2004) dwar it-taxxa fuq l-*income* u t-taxxa għad-difiża, liġi Numru (44) tal-1970.

(b) illi huwa spedjenti li dawk l-arranġamenti għandu jkollhom effett;

(ċ) illi l-Ftehim beda jseħħ fl-20 ta' Mejju 2010.

SKEDA

FTEHIM BEJN
MALTA U
L-ĠAMĦIRIJA GĦARBIJA TAL-LIBJA TAL-POPLU SOĊJALISTA L-KBIR
GĦALL-ĦELSIEN MIT-TAXXA DOPPJA
U L-PREVENZJONI TA' EVAŻJONI FISKALI
DWAR TAXXI FUQ L-*INCOME*

BILLI ż-żewġ pajjiżi jixtiequ jġibu 'l quddiem u jiżviluppaw ir-relazzjonijiet ekonomiċi u kooperazzjoni bejniethom huma ddeċidew li jagħmlu Ftehim għall-ħelsien mit-taxxa doppja u l-prevenzjoni ta' evażjoni fiskali dwar it-taxxi fuq l-*income*, ftehmu kif ġej:

Artiklu 1
Persuni Koperti

Dan il-Ftehim għandu japplika għal persuni li jkunu residenti fi Stat Kontraenti wieħed jew fit-tnejn li huma.

Artiklu 2
Taxxi Koperti

1. Dan il-ftehim għandu japplika għat-taxxi fuq l-*income* imposti f'isem Stat Kontraenti jew is-sottodiviżjonijiet politiċi jew awtoritajiet lokali tiegħu, irrispettivament mill-mod kif dawn jinġabru.

2. Għandhom jitqiesu bħala taxxi fuq l-*income* it-taxxi kollha imposti fuq l-*income* totali jew fuq elementi ta' *income*, inklużi taxxi fuq il-qliegħ mit-trasferiment ta' proprjetà mobbli jew immobbli.

3. It-taxxi eżistenti li dwarhom japplika dan il-Ftehim huma partikolarment:

(a) fir-Repubblika l-Kbira Għarbija tal-Libja tal-Poplu Soċjalista:

it-taxxa fuq l-*income*, liġi Numru (11) ta' l-1372 P.D (2004) dwar it-taxxa fuq l-*income* u t-taxxa għad-difiża, liġi Numru (44) ta' l-1970;
(hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "it-taxxa tal-Libja"); u

(b) fil-każ ta' Malta, it-taxxa fuq l-*income;*
(hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "it-taxxa ta' Malta").

4. Il-Ftehim għandu japplika wkoll għal kull taxxa identika jew sostanzjalment simili li tiġi imposta wara d-data meta jiġi ffirmat dan il-Ftehim

b'żjieda mat-taxxi eżistenti jew minflokhom. L-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Kontraenti għandhom jgħarrfu lil xulxin b'kull tibdil sinifikanti li jkun sar fil-liġijiet dwar it-taxxa rispettivi tagħhom.

Artiklu 3
Tifsiriet Ġenerali

1. Għall-għanijiet ta' dan il-Ftehim, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra:

(a) Il-frażijiet "Stat Kontraenti" u "l-Istat Kontraenti l-ieħor" ifissru l-Libja jew Malta;

(b) Il-fraži "Libja" tfisser ir-Repubblika l-Kbira Għarbija tal-Libja tal-Poplu Soċjalista; meta tiġi użata f'sens ġeografiku, tfisser it-territorju tar-Repubblika l-Kbira Għarbija tal-Libja tal-Poplu Soċjalista, inkluż il-baħar territorjali u kull area oħra fil-baħar u fl-ajru li dwarhom ir-Repubblika l-Kbira Għarbija tal-Libja tal-Poplu Soċjalista, skond id-dritt internazzjonali, teżerċita d-drittijiet sovrani jew il-ġurisdizzjoni tagħha;

(ċ) Il-fraži "Malta" tfisser ir-Repubblika ta' Malta u meta tiġi użata f'sens ġeografiku tfisser il-gżira ta' Malta, il-gżira ta' Għawdex u l-gżejjer l-oħra ta' l-arċipelagu Malti inklużi l-ibħra territorjali tagħhom kif ukoll kull area ta' qiegħ il-baħar, is-sottoswol tiegħu u l-kolonna ta' baħar sovrajaċenti li tinsab adjaċenti mal-ibħra territorjali, li fihom ir-Repubblika ta' Malta teżerċita drittijiet sovrani, ġurisdizzjoni jew kontroll skond id-dritt internazzjonali u d-dritt nazzjonali tagħha inkluża l-leġislazzjoni tagħha għar-rigward ta' l-esplorazzjoni tal-blata kontinentali u l-esplojtazzjoni tar-riżorsi naturali tagħha;

(d) Il-fraži "persuna" tinkludi individwu, kumpannija u kull korp ieħor ta' persuni;

(e) Il-fraži "kumpannija" tfisser kull korp magħqud jew kull entità li tkun ittrattata bħala korp magħqud għall-iskopijiet ta' taxxa;

(f) Il-frażijiet "impriża ta' Stat Kontraenti" u "impriża ta' l-Istat Kontraenti l-ieħor" ifissru rispettivament impriża mmexxija minn residenti ta' Stat Kontraenti u impriża mmexxija minn residenti ta' l-Istat Kontraenti l-ieħor;

(ġ) Il-fraži "traffiku internazzjonali" tfisser kull trasport permezz ta' bastiment jew b'inġenji ta' l-ajru mħaddem minn impriża li jkollha l-post ta' maniġġ effettiv tagħha fi Stat Kontraenti, ħlief meta l-bastiment jew l-inġenji ta' l-ajru jkun imħaddem unikament bejn postijiet fl-Istat Kontraenti l-ieħor;

(ħ) Il-fraži "awtorità kompetenti" tfisser:

(i) Fil-Libja, is-Segretarju tal-Kumitat tal-Poplu Ġenerali għall-Finanzi jew id-Direttur Ġenerali tal-Awtorità għat-Tassazzjoni jew ir-rappreżentanti awtorizzati tagħhom.

(ii) F'Malta, il-Ministru responsabbli għall-finanzi, jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu.

(i) Il-frażi 'ċittadin' tfisser:

(i) Kull individwu li jkollu ċ-ċittadinanza ta' Stat Kontraenti;

(ii) Kull persuna ġuridika, soċjetà jew assoċjazzjoni li jiksbu l-istatus tagħhom bħala tali mil-liġijiet li jkunu fis-sehh fi Stat Kontraenti.

2. Dwar l-applikazzjoni tal-Ftehim f'kull żmien minn Stat Kontraenti, kull frażi li ma tkunx imfissra fih għandu jkollha, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra, it-tifsira mogħtija lilha li jkollha f'dak il-waqt taħt il-liġi ta' dak l-Istat għall-finijiet tat-taxxi li dwarhom ikun japplika l-Ftehim, hekk li kull tifsira taħt il-liġijiet tat-taxxa ta'dak l-Istat tkun tipprevali fuq tifsira mogħtija lil dik il-frażi taħt liġijiet oħra ta' dak l-Istat.

Artiklu 4
Domiċilju għal Skop ta' Taxxa

Mingħajr preġudizzju għal kull dispożizzjoni oħra f'dan il-Ftehim, id-domiċilju għal skop ta' *income* hu l-Istat Kontraenti fejn joriġina dak l- *income*.

Artiklu 5
Residenti

1. Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, il-frażi "residenti ta' Stat Kontraenti" tfisser kull persuna li, taħt il-liġijiet ta' dak l-Istat, tkun soġġetta għat-taxxa fih minħabba fid-domiċilju, residenza, post ta' inkorporazzjoni, post tal-maniġġ tagħha jew kull kriterju ieħor ta' xorta bħal dawk, u tinkludi wkoll lil dak l-Istat u lil kull sottodiviżjoni politika jew awtorità lokali tiegħu. Din il-frażi, madankollu, ma tinkludix lil xi persuna li tkun soġġetta għat-taxxa f'dak l-Istat f'dak li għandu x'jaqsam biss ma' *income* minn għejjun f'dak l-Istat jew kapital li jkun jinsab fih.

2. Meta minħabba fid-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1 individwu jkun residenti taż-żewg Stati Kontraenti, allura l-istatus tiegħu għandu jiġi stabbilit kif ġej:

(a) Huwa għandu jitqies li jkun residenti biss ta' l-Istat li fih ikollu dar permanenti għad-dispożizzjoni tiegħu; jekk huwa jkollu dar permanenti għad-dispożizzjoni tiegħu fiż-żewg Stati, huwa għandu jitqies li jkun residenti biss ta' l-Istat li miegħu jkunu l-aktar marbuta r-relazzjonijiet

personali u ekonomiċi tiegħu (ċentru ta' interessi vitali);

(b) Jekk l-Istat li fih huwa jkollu ċ-ċentru ta' interessi vitali ma jkunx jista' jiġi stabbilit, jew jekk huwa ma jkollux għad-dispożizzjoni tiegħu dar permanenti f'xi Stat wieħed jew l-ieħor, huwa għandu jitqies li jkun residenti biss ta' l-Istat li fih ikun soltu jirrisjedi;

(ċ) Jekk huwa soltu jirrisjedi fiż-żewg Stati jew f'ebda wieħed minnhom, huwa għandu jitqies li jkun residenti biss ta' l-Istat li jkun ċittadin tiegħu;

(d) Jekk huwa ċittadin taż-żewg Stati jew ta' ebda wieħed minnhom, l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Kontraenti għandhom jiddeċiedu l-każ bi ftehim reċiproku bejnithom.

3. Meta minħabba fid-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1 persuna li ma tkunx individwu tkun residenti taż-żewg Stati Kontraenti, allura dik il-persuna għandha titqies bħala residenti biss fl-Istat fejn ikun jinsab il-post ta' maniġġ effettiv tagħha.

Artiklu 6
Stabbiliment Permanenti

1. Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, il-fraži "stabbiliment permanenti" tfisser post tan-negozju fiss li minnu jitmexxa l-kummerċ ta' impriża għalkollox jew f'parti minnu.

2. Il-fraži "stabbiliment permanenti" tinkludi b'mod speċjali:

(a) Post ta' maniġġ;

(b) Fergħa;

(ċ) Uffiċċju;

(d) Fabbrika;

(e) Ħanut tax-xogħol;

(f) Minjiera, bir taż-żejt jew tal-gass, barriera jew kull post ieħor ta' estrazzjoni ta' riżorsi naturali;

(ġ) Sit fejn ikun qed jittella' bini, kostruzzjoni, proġett ta' assemblaġġ jew installazzjoni jew attivitajiet superviżorji li jkollhom x'jaqsmu ma' dan, iżda biss jekk dak is-sit, proġett jew attivitajiet idumu għal iżjed minn tliet xhur.

3. Minkejja l-provvedimenti ta’ qabel ta’ dan l-artiklu, il-fraži "stabbiliment permanenti" għandha titqies li ma tinkludix:

(a) L-użu ta’ faċilitajiet bl-iskop uniku ta’ ħżin jew wiri ta’ oġġetti jew merkanzija li jkunu jappartjenu lill-impriża;

(b) Iż-żamma ta’ ħażna ta’ oġġetti jew merkanzija li tkun tappartjeni lill-impriża bl-iskop uniku ta’ ħżin jew wiri;

(ċ) Iż-żamma ta’ ħażna ta’ oġġetti jew ta’ merkanzija li tkun tappartjeni lill-impriża bl-iskop uniku ta’ ipproċessar minn impriża oħra;

(d) Iż-żamma ta’ post fiss ta’ negozju bl-iskop uniku ta’ xiri ta’ oġġetti jew ta’ merkanzija, jew ta’ gbir ta’ tagħrif, għall-impriża;

(e) Iż-żamma ta’ post fiss ta’ negozju bl-iskop uniku li tiġi mmexxija, għall-impriża, kull attività oħra ta’ xorta preparatorja jew awżiljarja;

(f) Iż-żamma ta’ post fiss ta’ negozju unikament biex tkun tista’ ssir xi kombinazzjoni ta’ attivitajiet imsemmija fis-subparagrafi (a) sa (e), sakemm l-attività kollha tal-post tan-negozju fiss li tirriżulta minn din il-kombinazzjoni tkun wahda ta’ xorta preparatorja jew awżiljarja.

4. Minkejja l-provvedimenti tal-paragrafi 1 u 2, meta persuna - li ma tkunx aġent bi status indipendenti li għalih japplika l-paragrafu 6 - tkun qegħda taġixxi fi Stat Kontraenti f’isem impriża tal-Istat Kontraenti l-ieħor, dik l-impriża għandha titqies li jkollha stabbiliment permanenti fl-Istat Kontraenti l-ewwel imsemmi għar-rigward ta’ kull attività li dik il-persuna tagħmel għall-impriża, jekk dik il-persuna:

(a) Ikollha u tkun abitwalment teżerċita f’dak l-Istat awtorità li tagħmel kuntratti f’isem l-impriża, sakemm l-attivitajiet ta’ dik il-persuna ma jkunux limitati għal dawk imsemmija fil-paragrafu 4 illi, jekk dawn jiġu eżerċitati minn ġo post tan-negozju fiss, ma jkunux jirrendu lil dan il-post tan-negozju fiss bħala stabbiliment permanenti taħt il-provvedimenti ta’ dak il-paragrafu; jew

(b) Ma jkollha ebda awtorità bħal dik imma tkun soltu żżomm fl-Istat l-ewwel imsemmi ħażna ta’ oġġetti jew merkanzija li minnha tkun regolarment tikkunsinna oġġetti jew merkanzija f’isem l- impriża.

5. Impriża ta’ Stat Kontraenti ma għandhiex titqies li jkollha stabbiliment permanenti fl-Istat Kontraenti l-ieħor biss minħabba li tkun tmexxi negozju f’dak l-Istat l-ieħor permezz ta’ sensal, aġent b’kummissjoni ġenerali jew kull aġent ieħor bi status indipendenti, sakemm dawk il-persuni jkunu qegħdin jaġixxu fil-kors ordinarju tan-negozju tagħhom.

6. Il-fatt li kumpannija li tkun residenti ta’ Stat Kontraenti tkun tikkontrolla jew tkun kontrollata minn kumpannija li tkun residenti ta’ l-Istat Kontraenti l-ieħor, jew li tkun tmexxi negozju f’dak l-Istat l-ieħor (sew permezz ta’ stabbiliment permanenti sew xort’oħra), m’għandux fih innifsu jikkostitwixxi lil kumpannija wahda jew l-oħra stabbiliment permanenti tal-kumpannija l-oħra.

Artiklu 7
***Income* minn Proprjetà Immobbli**

1. *Income* li jinkiseb minn residenti ta’ Stat Kontraenti minn proprjetà immobbli (inkluż *income* mill-agrikoltura jew mill-ħidma fil-boskijiet) li tkun tinsab fl-Istat Kontraenti l-ieħor jista’ jiġi intaxxat f’dak l-Istat l-ieħor.

2. Il-frażi "proprjetà immobbli" għandu jkollha t-tifsira li għandha taħt il-liġi ta’ l-Istat Kontraenti fejn tkun tinsab il-proprjetà involuta. Il-frażi għandha f’kull każ tinkludi proprjetà aċċessorja għal proprjetà immobbli, bhejjem f’razzett u tagħmir li jintuża fl-agrikoltura u fil-ħidma fil-boskijiet, drittijiet li għalihom japplikaw il-provvedimenti tal-liġi ġenerali dwar il-proprjetà ta’ l-art, l-użufrutt tal-proprjetà immobbli u drittijiet dwar ħlasijiet varjabbli jew fissi bħala korrispettiv għal ħidma fi, jew id-dritt li jinħadmu, depożiti minerali, għejjun u riżorsi oħra naturali; bastimenti u inġenji tal-baħar u ta’ l-ajru ma għandhomx jitqiesu bħala proprjetà immobbli.

3. Il-provvedimenti tal-paragrafu 1 għandhom ikunu japplikaw ukoll għal *income* li jinkiseb mill-użu dirett, kiri jew użu b’kull mod ieħor ta’ proprjetà immobbli.

4. Il-provvedimenti tal-paragrafi 1 u 3 għandhom japplikaw ukoll għal *income* minn proprjetà immobbli ta’ impriża u għal *income* minn proprjetà immobbli użata għall-għemil ta’ servizzi personali indipendenti.

Artiklu 8
Profitti minn Negozju

1. Il-profitti ta’ impriża ta’ Stat Kontraenti għandhom jiġu intaxxati biss f’dak l-Istat kemm-il darba l-impriża ma tkunx tmexxi negozju fl-Istat Kontraenti l-ieħor permezz ta’ stabbiliment permanenti li jkun jinsab hemmhekk. Jekk l-impriża tkun qegħda tmexxi negozju kif hawn qabel imsemmi, il-profitti ta’ l-impriża jistgħu jiġu intaxxati fl-Istat l-ieħor iżda biss għal dik il-parti minnhom daqs kemm tkun attribwibbli għal (a) dak l-istabbiliment permanenti; (b) bejgħ f’dak l-Istat l-ieġor ta’ oġġetti jew merkanzija ta’ l-istess xorta jew ta’ xorta simili bħal dawk mibjugħin permezz ta’ dak l-istabbiliment permanenti; jew (ċ) attivitajiet kummerċjali oħra li jiġu mmexxija f’dak l-Istat l-ieħor li jkunu tal-istess xorta jew ta’ xorta simili bħal dawk li jsiru permezz ta’ dak l-istabbiliment permanenti.

2. Bla ħsara għall-provvedimenti tal-paragrafu 3, meta impriża ta' Stat Kontraenti tkun tmexxi negozju fl-Istat Kontraenti l-ieħor permezz ta' stabbiliment permanenti li jkun qiegħed hemmhekk, għandhom jiġu attribwiti f'kull Stat Kontraenti lil dak l-istabbiliment permanenti l-profitti li dan kien ikun mistenni jagħmel kieku kien impriża distinta u separata li taħdem fl-istess attivitajiet jew oħrajn bħalhom taħt l-istess kundizzjonijiet jew kundizzjonijiet simili u li tkun tittratta għalkollox b'mod indipendenti ma' l-impriża li tkun stabbiliment permanenti tagħha.

3. Sabiex jiġu stabbiliti l-profitti ta' stabbiliment permanenti, għandhom ikunu permessi bħala tnaqqis dawk l-ispejjeż li jsiru għall-għanijiet tan-negozju ta' l-istabbiliment permanenti, inklużi l-ispejjeż eżekuttivi u amministrattivi ġenerali li jkunu saru, sew fl-Istat li fih ikun jinsab l-istabbiliment permanenti sew band'oħra sakemm kull tnaqqis bħal dak ma għandux ikun iżjed mit-tnaqqis li kieku kien ikun permess skond il-liġi domestika tal-Istat Kontraenti fejn ikun jinsab stabbiliment permanenti.

4. Sakemm tkun il-konswetudni fi Stat Kontraenti li jiġu stabbiliti l-profitti li għandhom jiġu attribwiti lil stabbiliment permanenti abbażi ta' tqassim tal-profitti totali ta' l-impriża lill-partijiet diversi tagħha, ebda ħaġa fil-paragrafu 2 ma għandha tipprekludi lil dak l-Istat Kontraenti milli jistabbilixxi l-profitti li għandhom jiġu intaxxati b'dak it-tqassim skond ma tista' tkun il-konswetudini; il-metodu ta' tqassim li jiġi adottat għandu, madankollu, isir b'tali mod li r-riżultat ikun skond il-prinċipji li jinsabu f'dan l-artiklu.

5. Jekk l-informazzjoni li tkun disponibbli għall-awtorità kompetenti ta' Stat Kontraenti ma tkunx biżżejjed sabiex jiġu stabbiliti l-profitti li għandhom jiġu attribwiti lill-istabbiliment permanenti, ebda ħaġa f'dan l-Artiklu ma għandha taffettwa l-applikazzjoni ta' xi liġi jew regolament ta' dak l-Istat Kontraenti li jkollhom x'jaqsmu ma kif tiġi determinata r-responsabbiltà għat-taxxa ta' dak l-istabbiliment permanenti billi ssir stima tal-profitti li għandhom jiġu intaxxati ta' dak l-istabbiliment permanenti mill-awtorità kompetenti ta' dak l-Istat Kontraenti, sakemm dik il-liġi jew dawk ir-regolamenti jiġu applikati, fil-qjies ta' l-informazzjoni disponibbli lill-awtorità kompetenti, konsistentement mal-prinċipji ta' dan l-Artiklu.

6. Għall-għanijiet tal-paragrafi preċedenti, il-profitti li għandhom jiġu attribwiti lill-istabbiliment permanenti għandhom jiġu stabbiliti bl-istess metodu sena wara l-oħra kemm-il darba ma jkunx hemm raġuni tajba u suffiċjenti għaliex dan ma għandux isir.

7. Meta l-profitti jkunu jinkludu oġġetti ta' *income* li jkunu qegħdin jiġu trattati separatament f'artikli oħra ta' dan il-Ftehim, għaldaqshekk il-provvedimenti ta' dawk l-artikli ma għandhomx jintlaqtu bil-provvedimenti ta' dan l-artiklu.

VERŻJONI ELETTRONIKA

Artiklu 9
Tbaħħir u Trasport bl-Ajru

1. Il-profitti li jinkisbu mit-tħaddim ta' bastimenti jew inġenji ta' l-ajru fi traffiku internazzjonali għandhom jiġu intaxxati biss fl-Istat Kontraenti fejn ikun jinsab il-post ta' maniġġ effettiv ta' l-impriża.

2. Għall-finijiet ta' dan l-Artiklu, profitti mit-tħaddim fi traffiku internazzjonali ta' bastimenti jew inġenji ta' l-ajru għandhom b'mod partikolari jinkludu profitti minn:

(a) Kiri ta' bastimenti jew inġenji ta' l-ajru *charter* li jkunu mgħammra, ekwipaġġati u fornuti għalkollox, li jiġu użati fit-trasport internazzjonali;

(b) Il-kiri li jsir minn żmien għall-ieħor ta' bastimenti jew inġenji ta' l-ajru abbażi tal-kiri *bare boat*;

(ċ) L-użu jew il-kiri ta' *containers* (inklużi *trailers* u tagħmir anċillari użat għat-trasport ta' *containers*),

Meta dak il-kiri jew użu jkun supplimentari jew inċidentali għat-tħaddim ta' bastimenti jew inġenji ta' l-ajru fit-trasport internazzjonali.

3. Jekk il-post ta' maniġġ effettiv ta' impriża tat-tbaħħir jew impriża tkun abbord bastiment, għaldastant dan jitqies li jkun jinsab fl-Istat Kontraenti fejn ikun jinsab il-port ewlieni tal-bastiment, jew, jekk ma jkunx jeżisti port ewlieni bħal dak, fl-Istat Kontraenti fejn min iħaddem il-bastiment ikun residenti.

4. Il-provvedimenti tal-paragrafu 1 għandhom ikunu japplikaw ukoll għal profitti miksubin mill-parteċipazzjoni f'*pool*, negozju bi shab jew agenzija b'operat internazzjonali.

Artiklu 10
Impriżi Assoċjati

1. Meta

(a) impriża ta' Stat Kontraenti tipparteċipa direttament jew mhux direttament fit-tmexxija, il-kontroll jew il-kapital ta' impriża ta' l-Istat Kontraenti l-ieħor, jew

(b) l-istess persuni jipparteċipaw direttament jew mhux direttament fit-tmexxija, il-kontroll jew il-kapital ta' impriża ta' Stat Kontraenti u ta' impriża ta' l-Istat Kontraenti l-ieħor, u f'kull każ isiru jew jiġu imposti kondizzjonijiet bejn iż-żewg impriżi fir-relazzjonijiet kummerċjali jew finanzjarji tagħhom li ma jkunux jaqblu ma' dawk li kieku kienu jiġu magħmulin bejn impriżi indipendenti, f'dak il-każ il-profitti li, kieku ma

kienx għal dawk il-kondizzjonijiet, kienu jakkumulaw favur xi wahda mill-impriżi, imma, minħabba f'dawk il-kondizzjonijiet, ma jkunux ġew hekk akkumulati, jistgħu jiġu inklużi fil-profitti ta' dik l-impriża u jiġu intaxxati skond hekk. Għandu jiftiehem li għandhom jiġu applikati l-proċeduri disponibbli fil-liġijiet rispettivi ta' kull Stat Kontraenti f'dan ir-rigward.

2. Meta Stat Kontraenti ikun jinkludi fil-profitti ta' impriża ta' dak l-Istat - u skond hekk jintaxxa - profitti li fuqhom impriża ta' l-Istat Kontraenti l-ieħor tkun ġiet intaxxata f'dak l-Istat l-ieħor u l-profitti li jiġu hekk inklużi jkunu profitti li kienu jinqalgħu mill-impriża ta' l-ewwel Stat imsemmi li kieku l-kondizzjonijiet magħmulin bejn iż-żewg impriżi kienu dawk li kieku kienu jsiru bejn impriżi indipendenti, allura dak l-Istat l-ieħor għandu jagħmel tibdil adatt fl-ammont tat-taxxa hemm imposta fuq dawk il-profitti. Biex jiġi stabbilit dak it-tibdil, għandhom jitqiesu l-provvedimenti l-oħra tal-Ftehim u l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Kontraenti għandhom, jekk ikun hekk meħtieġ, jikkonsultaw lil xulxin.

3. Il-provvedimenti tal-paragrafu 2 ma għandhomx ikunu japplikaw meta preċedimenti ġudizzjarji, amministrattivi jew legali oħra jkunu irriżultaw f'deċiżjoni finali li b'azzjonijiet li jagħtu lok għal aġġustament ta' profitti taħt il-paragrafu 1, waħda mill-impriżi involuti tkun soġġetta għal penali minħabba fi frodi, traskuraġni kbira jew qerq li jsir xjentement.

Artiklu 11
Dividendi

1. Id-dividendi mħallsa minn kumpannija li tkun residenti ta' Stat Kontraenti lil residenti ta' l-Istat Kontraenti l-ieħor għandhom jiġu intaxxati f'dak l-Istat l-ieħor.

2. Madankollu, dawk id-dividendi jistgħu jiġu intaxxati wkoll fl-Istat Kontraenti li l-kumpannija li tkun qegħda tħallas id-dividendi tkun residenti fih u skond il-liġijiet tal-Istat Kontraenti, imma:

(a) meta d-dividendi jitħallsu minn kumpannija li tkun residenti tal-Libja lil residenti ta' Malta li jkun is-sid benefiċjarju tagħhom it-taxxa li hekk tinġabar ma għandhiex tkun iżjed minn:

(i) jekk is-sid benefiċjarju tad-dividendi ikun kumpannija (minbarra soċjetà) li jkollha direttament mill-inqas 10 fil-mija tal-kapital tal-kumpannija li tkun qegħda tħallas id-dividendi, 5 fil-mija;

(ii) fil-każijiet l-oħra kollha, 15 fil-mija.

(b) meta d-dividendi jitħallsu minn kumpannija li tkun residenti ta' Malta lil residenti tal-Libja li jkun is-sid benefiċjarju tagħhom, it-taxxa ta' Malta fuq l-ammont totali tad-dividendi ma għandux ikun iżjed minn dak li jitħallas fuq il-profitti li minnhom jitħallsu d-dividendi.

L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Kontraenti għandhom bi ftehim reċiproku jaqblu fuq il-mod ta' kif għandhom jiġu applikati dawn il-limitazzjonijiet. Dan il-paragrafu ma għandux jolqot it-taxxa li tinġabar mill-kumpannija dwar dawk il-profitti li d-dividendi jitħallsu minnhom.

3. Il-frażi "dividendi" skond ma tintuża f'dan l-Artiklu tfisser *income* minn ishma jew jeddijiet oħra, li ma jkunux pretensjonijiet ta' debitu, il-parteċipazzjoni fi profitti, kif ukoll *income* minn drittijiet korporattivi oħra li jingħata l-istess trattament dwar it-taxxa bħallikieku kien *income* minn ishma skond il-liġijiet ta' l-Istat fejn tkun residenti l-kumpannija li tkun qegħda tagħmel it-tqassim.

4. Il-provvedimenti tal-paragrafi 1 u 2 m'għandhomx ikunu japplikaw jekk is-sid benefiċjarju tad-dividendi, li jkun residenti ta' Stat Kontraenti, ikun imexxi negozju fl-Istat Kontraenti l-ieħor li l-kumpannija li tħallas id-dividendi tkun residenti tiegħu, permezz ta' stabbiliment permanenti li jkun sitwat hemmhekk, jew li jkun jagħmel f'dak l-Istat Kontraenti l-ieħor servizzi personali indipendenti minn bażi stabbilita sitwata fih, u l-*holding* li dwarhom jitħallsu d-dividendi jkollu effettivament x'jaqsam ma' dak l-istabbiliment permanenti jew bażi stabbilita. F'dak il-każ għandhom japplikaw il-provvedimenti ta' l-Artiklu 8 jew ta' l-Artiklu 15 ta' dan il-Ftehim, skond il-każ.

5. Meta kumpannija li tkun residenti ta' Stat Kontraenti tikseb profitti jew *income* mill-Istat Kontraenti l-ieħor, dak l-Istat Kontraenti l-ieħor ma jista' jimponi ebda taxxa fuq id-dividendi mħallsa mill-kumpannija, ħlief sakemm dawk id-dividendi jitħallsu lil residenti ta' dak l-Istat Kontraenti l-ieħor jew sakemm il-*holding* li dwaru jitħallsu d-dividendi jkun effettivament konness ma' stabbiliment permanenti jew ma' bażi stabbilita li jkunu jinsabu f'dak Istat Kontraenti l-ieħor, lanqas ma jista' jassoġġetta l-profitti mhux imqassma tal-kumpannija għal taxxa fuq il-profitti mhux imqassma tal-kumpannija, ukoll jekk id-dividendi mħallsa jew il-profitti mhux imqassma jkunu jikkonsistu kollha kemm huma jew f'parti minnhom fi profitti jew *income* li jinqalgħu f'dak l-Istat Kontraenti l-ieħor.

Artiklu 12
Mgħax

1. Mgħax li jinqala' fi Stat Kontraenti u jitħallas lil residenti ta' l-Istat Kontraenti l-ieħor jista' jiġi intaxxat f'dak Istat l-ieħor.

2. Madankollu, dak l-imgħax jista' wkoll jiġi intaxxat fl-Istat Kontraenti fejn dan jinqala' u skond il-liġijiet ta' dak l-Istat, imma jekk is-sid benefiċjarju tal-imgħax ikun residenti ta' l-Istat Kontraenti l-ieħor, it-taxxa li hekk titħallas ma għandhiex tkun iżjed minn ħamsa fil-mija mill-ammont totali tal-imgħax.

3. Minkejja l-provvedimenti tal-paragrafu 2, l-imgħax ikun eżenti mit-taxxa fl-Istat Kontraenti fejn dan jinqala' jekk l-imgħax jitħallas lil u jkollu bħala sid benefiċjarju lill-Istat Kontraenti l-ieħor jew lil awtorità lokali tiegħu, il-Bank

Ċentrali jew xi istituzzjoni finanzjarja li tkun għalkollox proprjetà ta' dak l-Istat Kontraenti l-ieħor, sottodiviżjoni politika jew awtorità lokali.

4. Il-fraži 'mgħax' kif tintuża f'dan l-Artiklu tfisser *income* minn pretensjonijiet ta' debitu ta' kull xorta, sew jekk assikurati b'ipoteka sew jekk le u kemm jekk ikollhomx dritt li jipparteċipaw fil-profitti tad-debitur kemm jekk le, u b'mod partikolari, *income* minn titoli tal-Gvern u *income* minn bonds jew obbligazzjonijiet, inklużi *premiums* u premjijiet relatati ma dawk it-titoli, bonds jew obbligazzjonijiet. Il-ħlasijiet ta' penali għal ħlas tardiv ma jitqiesux bħala mgħax għall-finijiet ta' dan l-artiklu.

5. Il-provvedimenti tal-paragrafu 1 ma għandhomx ikunu japplikaw jekk is-sid benefiċjarju ta' l-imgħax, li jkun residenti ta' Stat Kontraenti, ikun qed imexxi negozju fl-Istat Kontraenti l-ieħor li fih jinqala' l-imgħax, permezz ta' stabbiliment permanenti li jkun jinsab hemmhekk, jew jagħmel servizzi personali indipendenti f'dak Istat l-ieħor minn bażi stabbilita li tkun tinsab fih u l-pretensjoni ta' debitu li dwarha jitħallas l-imgħax tkun effettivament konnessa ma' dak l-istabbiliment permanenti jew bażi stabbilita. F'dak il-każ, għandhom japplikaw il-provvedimenti ta' l-artiklu 8 jew ta' l-artiklu 15, skond il-każ.

6. Meta, minħabba f'relazzjoni speċjali bejn min iħallas u s-sid benefiċjarju jew bejn it-tnejn li huma u xi persuna oħra, l-ammont ta' l-imgħax, wara li titqies xi tkun il-pretensjoni ta' debitu li dwarha jitħallas, ikun iżjed mill-ammont li kien ikun miftiehem bejn min iħallas u s-sid benefiċjarju li kieku ma kienx hemm dik ir-relazzjoni, il-provvedimenti ta' dan l-artiklu għandhom ikunu japplikaw biss għall-ammont l-ahhar imsemmi. F'dak il-każ, il-parti żejda tal-ħlasijiet għandha tibqa' taxxabbli skond il-liġijiet ta' kull Stat Kontraenti, fil-qies tal-provvedimenti l-oħra ta' dan il-Ftehim.

7. Jitqies li jinqala' mgħax fi Stat Kontraenti meta min iħallas ikun residenti ta' dak l-Istat. Madankollu, meta l-persuna li tkun qegħda tħallas l-imgħax, kemm jekk din tkun kemm jekk ma tkunx residenti ta' Stat Kontraenti, ikollha fi Stat Kontraenti stabbiliment permanenti jew bażi stabbilita li f'konnessjoni magħhom ikun oriġina d-debitu li fuqu jitħallas l-imgħax, u dak l-imgħax jiġġarrab minn dak l-istabbiliment permanenti jew bażi stabbilita, għaldaqstant dak l-imgħax għandu jitqies li jinqala' fl-Istat fejn ikunu sitwati l-istabbiliment permanenti jew il-bażi stabbilita.

Artiklu 13
Royalties

1. *Royalties* li jinqalgħu fi Stat Kontraenti u li jitħallsu lil residenti ta' l-Istat Kontraenti l-ieħor għandhom jiġu intaxxati biss f'dak Istat l-ieħor.

2. Madankollu dawk ir-*royalties* jistgħu ukoll jiġu intaxxati fl-Istat Kontraenti fejn jinqalgħu u skond il-liġijiet ta' dak l-Istat, imma jekk is-sid benefiċjarju tar-*royalties* ikun residenti tal-Istat Kontraenti l-ieħor, it-taxxa hekk

miġbura ma għandhiex tkun ta' iżjed minn 5 fil-mija ta' l-ammont totali tar-*royalties*. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istrati Kontraenti għandhom bi ftehim reċiproku jiftiehmu dwar il-mod kif tiġi applikata din il-limitazzjoni.

3. Il-fraži '*royalties*' skond ma tintuża f'dan l-artiklu tfisser ħlasijiet ta' kull xorta li jiġu riċevuti b'korrispettiv għall-użu ta', jew għall-jedd ta' l-użu, ta' kull dritt ta' l-awtur ta' xogħol letterarju, artistiku jew xjentifiku inklużi films ċinematografiċi, jew films jew *tapes* użati għax-xandir bir-radju jew bit-televiżjoni, kull privattiva, *trade mark*, disinn jew mudell, pjan, formula jew proċess sigrieti, jew għall-użu ta', jew id-dritt li jintuża, tagħmir industrijali, kummerċjali jew xjentifiku jew għal informazzjoni dwar esperjenza industrijali, kummerċjali jew xjentifika.

4. Il-provvedimenti tal-paragrafi 1 u 2 ma għandhomx japplikaw jekk is-sid benefiċjarju tar-*royalties*, li jkun residenti ta' Stat Kontraenti, ikun qed imexxi negozju fl-Istat Kontraenti l-ieħor fejn jinqalgħu r-*royalties*, permezz ta' stabbiliment permanenti li jkun jinsab fih, jew ikun qiegħed jagħmel f'dak Istat l-ieħor servizzi personali indipendenti minn bażi stabbilita li tkun tinsab fih, u d-dritt jew il-proprjetà li dwarhom jitħallsu r-*royalties* ikunu effettivament konnessi ma' dak l-istabbiliment permanenti jew bażi stabbilita. F'dak il-każ għandhom japplikaw il-provvedimenti ta' l-Artiklu 8 jew ta' l-Artiklu 15, skond il-każ.

5. Ir-*royalties* għandhom jitqiesu li jinqalgħu fi Stat Kontraenti meta min iħallashom ikun residenti ta' dak l-Istat. Meta, madankollu, il-persuna li tkun qegħda tħallas ir-*royalties*, sew jekk tkun residenti ta' Stat Kontraenti sew jekk ma tkunx, ikollha fi Stat Kontraenti stabbiliment permanenti jew bażi stabbilita li f'konnessjoni magħha tkun oriġinat ir-responsabbiltà li jitħallsu r-*royalties*, u dawk ir-*royalties* jiġġarrbu minn dak l-istabbiliment permanenti jew bażi stabbilita, allura dawk ir-*royalties* għandhom jitqiesu li jinqalgħu fl-Istat fejn ikunu jinsabu l-istabbiliment permanenti jew il-bażi stabbilita.

6. Meta, minħabba fir-relazzjoni speċjali bejn min iħallas u s-sid benefiċjarju jew bejnithom it-tnejn u xi persuna oħra, l-ammont tar-*royalties*, meta jiġi kkunsidrat x'ikun l-użu, id-dritt jew l-informazzjoni li jitħallsu dwarhom, ikun iżjed mill-ammont li kien ikun miftiehem bejn min iħallas u s-sid benefiċjarju li kieku ma kienx hemm dik ir-relazzjoni, il-provvedimenti ta' dan l-artiklu għandhom ikunu japplikaw biss għall-ahhar imsemmi ammont. F'dak il-każ, il-parti żejda tal-ħlasijiet għandha tibqa' taxxabbli skond il-liġijiet ta' kull Stat Kontraenti, wara li jitqiesu l-provvedimenti l-oħra ta' dan il-Ftehim.

Artiklu 14
Qligħ minn Kapital

1. Qligħ li jinkiseb minn residenti ta' Stat Kontraenti mit-trasferiment ta' proprjetà immobbli imsemmija fl-artiklu 7 u li tkun tinsab fl-Istat Kontraenti l-ieħor jista' jiġi intaxxat f'dak l-Istat l-ieħor.

2. Qligħ mit-trasferiment ta' proprjetà mobbli li tagħmel parti mill-proprjetà tan-negozju ta' stabbiliment permanenti li impriża ta' Stat Kontraenti jkollha fl-Istat Kontraenti l-ieħor jew ta' proprjetà mobbli li tkun tappartjeni għal bażi stabbilita li tkun disponibbli għal residenti ta' Stat Kontraenti fl-Istat Kontraenti l-ieħor bil-għan li jitwettqu servizzi personali indipendenti, inkluż dak il-qligħ mit-trasferiment ta' dak l-istabbiliment permanenti (wahdu jew flimkien ma' l-impriża kollha) jew ta' dik il-bażi stabbilita, jista' jiġi intaxxat f'dak Istat l-ieħor.

3. Kull qligħ mit-trasferiment ta' bastimenti jew inġenji ta' l-ajru li jkunu qegħdin jiġu operati fi traffiku internazzjonali jew minn proprjetà mobbli li tkun tappartjeni għall-operazzjoni ta' dawk il-bastimenti jew inġenji ta' l-ajru għandu jiġi intaxxat biss f'dak l-Istat Kontraenti l-ieħor fejn ikun jinsab il-post ta' maniġġ effettiv ta' l-impriża.

4. Kull qligħ li jinkiseb mit-trasferiment ta' ishma tal-istokk kapitali ta' kumpannija, jew ta' interess f'soċjetà, *trust* jew *estate*, li l-proprjetà tagħhom tkun tikkonsisti direttament jew mhux direttament prinċipalment fi proprjetà immobbli li tkun tinsab fi Stat Kontraenti jista' jiġi intaxxat f'dak l-Istat l-ieħor. Partikolarment:

(a) Ebda ħaġa li tinsab f'dan il-paragrafu ma għandha tkun tapplika għal xi kumpannija, soċjetà, *trust* jew *estate* li ma jkunux kumpannija, soċjetà, *trust* jew *estate* ingaġġati fil-kummerċ tal-maniġġ ta' proprjetà immobbli, li l-proprjetà tagħha tkun tikkonsisti direttament jew mhux direttament prinċipalment fi proprjetà immobbli użata minn dik il-kumpannija, soċjetà, *trust* jew *estate* fl-attivitajiet kummerċjali tagħhom.

(b) Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, "prinċipalment" f'dak li għandu x'jaqsam mal-proprjetà ta' proprjetà immobbli tfisser il-valur ta' dik il-proprjetà immobbli li jkun jeċċedi ħamsin fil-mija tal-valur komplessiv tal-attiv kollu li jkun proprjetà tal-kumpannija, soċjetà, *trust* jew *estate*.

5. Kull qligħ mit-trasferiment ta' ishma li ma jkunux dawk imsemmija fil-paragrafu 4 u li jkunu jagħmlu parti minn parteċipazzjoni sostanzjali f'kumpannija li tkun residenti ta' Stat Kontraenti tista' tiġi intaxxata f'dak l-Istat. L-ishma jitqiesu li jkunu jagħmlu parti minn parteċipazzjoni sostanzjali f'kumpannija meta min jittrasferixxi, waħdu jew flimkien ma' persuni relatati, ikun direttament jew mhux direttament detentur ta' ishma f'dik il-kumpannija li jkunu lkoll flimkien jagħtuh jedd għal 25 fil-mija jew iżjed mill-profitti ta' dik il-kumpannija.

6. Kull qligħ mit-trasferiment ta' proprjetà li ma tkunx dik imsemmija fil-paragrafi 1, 2, 3, 4 u 5 għandu jiġi intaxxat biss fl-Istat Kontraenti li min jittrasferixxi jkun residenti fih.

VERŻJONI ELETTRONIKA

Artiklu 15
Servizzi Personali Indipendenti

1. *Income* li jinkiseb minn residenti ta' Stat Kontraenti għal servizzi professjonali jew attivitajiet oħra ta' xorta indipendenti għandu jiġi intaxxat biss f'dak l-Istat ħlief f'dawn iċ-ċirkostanzi li ġejjin, meta dak l-*income* ikun jista' jiġi intaxxat ukoll fl-Istat Kontraenti l-ieħor:

(a) Jekk huwa jkollu bażi stabbilita li tkun regolarment disponibbli għalih fl-Istat Kontraenti l-ieħor bil-għan li jwettaq l-attivitajiet tiegħu; f'dak il-każ ikun biss daqstant mill-*income* daqs kemm jista' jiġi attribwit lil dik il-bażi stabbilita li jkun jista' jiġi intaxxat f'dak l-Istat Kontraenti l-ieħor; jew

(b) Jekk il-qagħda tiegħu fl-Istat Kontraenti l-ieħor tkun għal perjodu jew perjodi li jammontaw għal jew li jkunu b'kollox jaqbżu 183 ġurnata f'xi perjodu ta' tnax-il xahar li jibda għaddej jew itemm fis-sena ta' taxxa involuta; f'dak il-każ ikun biss daqstant mill-*income* daqs kemm jinkiseb mill-attivitajiet tiegħu li huwa jwettaq f'dak l-Istat l-ieħor li jista' jiġi intaxxat f'dak l-Istat l-ieħor.

2. Il-frażi "servizzi professjonali" tinkludi l-aktar attivitajiet indipendenti ta' xorta xjentifika, letterarja, artistika, edukattiva jew ta' tagħlim kif ukoll l-attivitajiet indipendenti ta' tobba, avukati, inginiera, arkitetti, dentisti u *accountants*.

Artiklu 16
Servizzi Personali Dipendenti

1. Bla ħsara għall-provvedimenti ta' l-artikli 17, 19 u 20, is-salarji, il-pagi u kull kumpens ieħor li jinkiseb minn residenti ta' Stat Kontraenti dwar xi impjieg għandhom jiġu intaxxati biss f'dak l-Istat kemm-il darba l-impjieg ma jiġix eżerċitat fl-Istat Kontraenti l-ieħor. Jekk l-impjieg jiġi hekk eżerċitat, dak il-kumpens li jinkiseb minnu jista' jiġi intaxxat f'dak Istat l-ieħor.

2. Minkejja l-provvedimenti tal-paragrafu 1, il-kumpens li jinkiseb minn residenti ta' Stat Kontraenti dwar xi impjieg li jkun eżerċitat fl-Istat Kontraenti l-ieħor għandu jiġi intaxxat biss fl-Istat l-ewwel imsemmi jekk:

(a) Min jirċevih ikun joqgħod fl-Istat l-ieħor għal perjodu jew perjodi li b'kollox ma jkunux ta' iżjed minn 183 ġurnata f'perjodu ta' tnax-il xahar li jibda għaddej jew itemm fis-sena ta' taxxa involuta;

(b) Il-kumpens jitħallas minn, jew f'isem, prinċipal li ma jkunx residenti fl-Istat l-ieħor; u

(ċ) Il-kumpens ma jkunx ta' piż fuq l-istabbiliment permanenti jew fuq bażi stabbilita li l-prinċipal ikollu fl-Istat l-ieħor.

3. Minkejja l-provvedimenti ta' qabel ta' dan l-artiklu, kumpens li jinkiseb minn impjieg eżerċitat abbord xi bastiment jew inġenji ta' l-ajru operati fi traffiku internazzjonali, jew abbord xi bastiment li jkun jopera fit-trasport tul mogħdijiet tal-ilma ġewwinija, jista' jiġi intaxxat fl-Istat Kontraenti fejn ikun jinsab il-post ta' maniġġ effettiv ta' l-impriża.

Artiklu 17
Drittijiet tad-Diretturi

Id-drittijiet tad-diretturi u ħlasijiet oħra simili li jinkisbu minn residenti ta' Stat Kontraenti fil-kapaċità tiegħu ta' membru tal-Bord tad-Diretturi ta' kumpannija li tkun residenti fl-Istat Kontraenti l-ieħor jistgħu jiġu intaxxati f'dak l-Istat l-ieħor.

Artiklu 18
Artisti u Sportivi

1. Minkejja l-provvedimenti ta' l-artikli 15 u 16, *income* li jinkiseb minn residenti ta' Stat Kontraenti bħala persuni li jagħtu spettaklu, bħal artisti tat-teatru, tal-films ċinematografiċi, tar-radju jew tat-televiżjoni, jew bħala mużiċisti, jew bħala sportivi, mill-attivitajiet personali tagħhom bħala tali li jiġu eżerċitati fl-Istat Kontraenti l-ieħor, jistgħu jiġu intaxxati f'dak l-Istat l-ieħor.

2. Meta *income* dwar attivitajiet personali eżerċitati minn persuni li jagħtu spettaklu jew minn sportivi fil-kapaċità tagħhom bħala tali ma jingabarx favur il-persuna li tagħti spettaklu jew l-isportiv innifsu iżda favur xi persuna oħra, dak l-*income* jista', minkejja l-provvedimenti ta' l-artikli 8, 15 u 16, jiġi intaxxat fl-Istat Stat Kontraenti fejn jiġu eżerċitati l-attivitajiet tal-persuna li tagħti spettaklu jew ta' l-isportiv.

Artiklu 19
Pensjonijiet u Ħlasijiet tas-Sigurtà Soċjali

1. Bla ħsara għall-provvedimenti tal-paragrafu 2 ta' l-artiklu 20, il-pensjonijiet u kull kumpens ieħor bħal dawk li jitħallsu lil residenti ta' Stat Kontraenti minħabba f'xi impjieg li jkun sar qabel għandhom jiġu intaxxati biss f'dak l-Istat.

2. Minkejja l-provvedimenti tal-paragrafu 1, pensjonijiet imħallsa u ħlasijiet oħra li jsiru taħt skema pubblika li tifforma parti mis-sistema tas-sigurtà soċjali ta' Stat Kontraenti jew sottodiviżjoni politika jew awtorità lokali tiegħu għ għandhom jiġu intaxxati biss f'dak l-Istat.

VERŻJONI ELETTRONIKA

Artiklu 20
Servizz tal-Gvern

1. (a) Salarji, pagi u kull kumpens ieħor bħal dawk, minbarra pensjoni, imħallsin minn Stat Kontraenti jew minn sottodiviżjoni politika jew awtorità lokali tiegħu lil xi individwu għar-rigward ta' servizzi mogħtijin lil dak l-Istat jew sottodiviżjoni jew awtorità għandhom jiġu intaxxati biss f'dak l-Istat.

(b) Madankollu, kull salarju, paga u kumpens ieħor bħal dawk għandhom jiġu intaxxati biss f'dak l-Istat Kontraenti l-ieħor jekk is-servizzi jingħataw f'dak l-Istat l-ieħor u l-individwu jkun residenti f'dak l-Istat l-ieħor u:

(i) Ikun ċittadin ta' dak l-Istat; jew

(ii) Ma jkunx sar residenti ta' dak l-Istat unikament bil-għan li jagħti dawk is-servizzi.

2. (a) Kull pensjoni mħallsa minn, jew li tohrog minn fondi mahluqa minn, Stat Kontraenti jew sottodiviżjoni politika jew awtorità lokali tiegħu lil xi individwu għar-rigward ta' servizzi mogħtija lil dak l-Istat jew sottodiviżjoni jew awtorità għandhom jiġu intaxxati biss f'dak l-Istat.

(b) Madankollu, dik il-pensjoni għandha tiġi intaxxata biss fl-Istat Kontraenti l-ieħor jekk l-individwu jkun residenti ta' dak l-Istat u ċittadin tiegħu.

3. Il-provvedimenti ta' l-artikli 16, 17, 18 u 10 għandhom japplikaw għal kull salarju, paga u kumpens ieħor bħalhom, u għall-pensjonijiet, għar-rigward ta' servizzi mogħtijin f'dak li għandu x'jaqsam ma' kummerċ immexxi minn Stat Kontraenti jew minn sottodiviżjoni politika jew awtorità lokali tiegħu.

Artiklu 21
Studenti

Student jew apprendist li jkun jew kien minnufih qabel ma jżur Stat Kontraenti residenti ta' l-Istat Kontraenti l-ieħor u li jkun preżenti fl-ewwel imsemmi Stat unikament bil-għan ta' l-edukazzjoni jew it-taħriġ tiegħu, m'għandux jiġi intaxxat f'dak l-Istat l-ewwwel imsemmi fuq:

(a) ħlasijiet li jirċievi għall-fini tal-manteniment, l-edukazzjoni jew it-taħriġ tiegħu, sakemm dawk il-ħlasijiet jinqalgħu minn għejjun li ma jkunux jinsabu f'dak l-Istat; u

(b) *income* li huwa jaqla' minn impjieg f'dak l-Istat, sakemm dak l-impjieg ikun rilevanti għall-edukazzjoni jew it-taħriġ tiegħu u dak l-*income* ikun meħtieġ għall-fini tal-manteniment tiegħu.

Artiklu 22
Professuri, Għalliema u Riċerkaturi

1. Kull ħlas li jingħata lil professuri, għalliema u riċerkaturi li jkunu residenti fi Stat Kontraenti u li jkunu preżenti fl-Istat Kontraenti l-ieħor għall-fini li jgħallmu jew li jwettqu riċerka xjentifika f'xi università jew f'xi istituzzjoni ta' edukazzjoni ogħla rikonoxxuta ufficjalment oħra, ikun eżentat mit-taxxa f'dak l-Istat l-ieħor għal żmien sentejn mid-data meta dawn il-persuni jaslu f'dak l-Istat l-ieħor.

2. Il-provvedimenti tal-paragrafu 1 ta' dan l-artiklu ma għandhomx ikunu japplikaw għal ħlas minn riċerka jekk dik ir-riċerka ssir mhux fl-interess pubbliku imma primarjament għall-benefiċċju privat ta' xi persuna jew persuni speċifiċi.

Artiklu 23
***Income* Ieħor**

1. Elementi ta' *income* ta' residenti ta' Stat Kontraenti, jinqalgħu mnejn jinqalgħu, li ma jkunux ġew ittrattati fl-artikli ta' hawn aktar qabel ta' dan il-Ftehim għandhom jiġu intaxxati biss f'dak l-Istat.

2. Il-provvedimenti tal-paragrafu 1 ma għandhomx japplikaw għal *income*, li ma jkunx *income* minn proprjetà immobbli kif imfisser fil-paragrafu 2 ta' l-artiklu 7, jekk min jirċievi dak l-*income*, billi jkun residenti ta' Stat Kontraenti, ikun imexxi negozju fl-Istat Kontraenti l-ieħor permezz ta' stabbiliment permanenti li jkun jinsab fih, jew iwettaq f'dak l-Istat l-ieħor servizzi personali indipendenti minn bażi stabbilita li tkun tinsab fih, u d-dritt jew il-proprjetà li dwarhom jitħallas l-*income* ikunu effettivament konnessi ma' dak l-istabbiliment permanenti jew bażi stabbilita. F'dak il-każ għandhom japplikaw il-provvedimenti ta' l-artiklu 8 jew ta' l-artiklu 15, skond kif ikun il-każ.

3. Minkejja l-provvedimenti tal-paragrafi 1 u 2, elementi ta' *income* ta' residenti ta' Stat Kontraenti li ma jkunux ġew trattati fl-artikli ta' qabel ta' dan il-Ftehim u li jinqalgħu fl-Istat Kontraenti l-ieħor jistgħu jiġu intaxxati ukoll f'dak l-Istat l-ieħor.

Artiklu 24
Eliminazzjoni ta' Taxxa Doppja

1. Meta residenti tal-Libja jikseb *income* li, skond il-provvedimenti ta' dan il-Ftehim, jista' jiġi intaxxat f'Malta, il-Libja għandha, bla ħsara għall-provvedimenti tal-paragrafi 2 u 3, teżenta dak l-*income* mit-taxxa.

2. Meta residenti tal-Libja jikseb elementi ta' *income* li, skond il-provvedimenti ta' l-artikli 11, 12 u 13 jistgħu jiġu intaxxati f'Malta, il-Libja għandha tippermetti bħala tnaqqis mit-taxxa fuq l-*income* ta' dak ir-residenti ammont li jkun daqs it-taxxa mħallsa f'dak l-Istat l-ieħor. Dak it-tnaqqis ma

VERŻJONI ELETTRONIKA

għandux, madankollu, ikun jeċċedi dik il-parti mit-taxxa, kif din tkun ġiet kalkolata qabel ma jingħata t-tnaqqis, li jkun attribwibbli għal dawk l-elementi ta' *income* li jkunu nkisbu minn dak l-Istat l-ieħor.

3. Meta skond xi provvediment ta' dan il-Ftehim *income* miksub minn residenti tal-Libja jkun eżenti mit-taxxa fil-Libja, il-Libja tista' madankollu, meta tkun qegħda tikkalkola l-ammont tat-taxxa fuq l-*income* li jifdal ta' dak ir-residenti, tieħu in akkont l-*income* eżentat.

4. Meta residenti ta' Malta jikseb *income* li, skond il-provvedimenti ta' dan il-Ftehim jista' jiġi intaxxat fil-Libja, Malta għandha tippermetti bħala tnaqqis mit-taxxa fuq l-*income* ta' dak ir-residenti ammont li jkun daqs it-taxxa fuq l-*income* imħallsa fil-Libja. Dak it-tnaqqis ma għandux, madankollu, ikun jeċċedi dik il-parti mit-taxxa fuq l-*income*, kif din tkun ġiet kalkolata qabel ma jingħata t-tnaqqis, li jkun attribwibbli għall-*income* li jista' jiġi intaxxat fil-Libja.

5. Meta, skond xi provvediment ta' dan il-Ftehim, *income* miksub minn residenti ta' Malta jkun eżenti mit-taxxa f'Malta, Malta tista' madankollu, meta tkun qegħda tikkalkola l-ammont tat-taxxa fuq l-*income* li jifdal ta' dak ir-residenti, tieħu in akkont l-*income* eżentat.

Artiklu 25
Ebda Diskriminazzjoni

1. Iċ-ċittadini ta' Stat Kontraenti ma għandhom jiġu assoġġettati fl-Istat Kontraenti l-ieħor għal ebda tassazzjoni jew ebda ħtieġa li jkunu konnessi ma' dan jekk din tkun diversa jew ta' iktar piż mit-taxxa u l-htiġiet konnessi li għalihom ċittadini ta' dak l-Istat l-ieħor fl-istess ċirkostanzi, b'mod partikolari għar-rigward ta' residenza, ikunu jew jistgħu jkunu assoġġettati. Dan il-provvediment għandu, minkejja l-provvedimenti ta' l-artiklu 1, ikun japplika ukoll għal persuni li ma jkunux residenti ta' xi wieħed jew taż-żewg Stati Kontraenti.

2. It-taxxa fuq stabbiliment permanenti li impriża ta' Stat Kontraenti jkollha fl-Istat Kontraenti l-ieħor ma għandhiex tingabar b'mod inqas favorevoli f'dak Istat l-ieħor mit-taxxa migbura fuq impriżi ta' dak l-Istat l-ieħor li jkun qed iwettaq l-istess ativitajiet. Dan il-provvediment ma għandux jiftiehem bħala wieħed li jobbliga lil Stat Kontraenti li jikkonċedi lil residenti ta' l-Istat Kontraenti l-ieħor xi *allowances* personali, helsien u tnaqqis għal għanijiet ta' tassazzjoni minħabba fl-istatus ċivili jew fir-responsabbiltajiet familjari li dan jikkonċedi lir-residenti tiegħu stess.

3. Ħlief meta japplikaw il-provvedimenti tal-paragrafu 1 ta' l-artiklu 10, tal-paragrafu 6 ta' l-artiklu 12, jew tal-paragrafu 6 ta' l-artiklu 13, mgħax, *royalties* u ħlasijiet oħra li jitħallsu minn impriża ta' Stat Kontraenti lil residenti ta' l-Istat Kontraenti l-ieħor għandhom, għall-fini li jiġu stabbiliti x'inhuma l-profitti li għandhom jiġu intaxxati ta' dik l-impriża, jiġu mnaqqsa taħt l-istess kondizzjonijiet bħallikieku dawn kienu tħallsu lil residenti ta' l-ewwel imsemmi

Stat.

4. Impriżi ta' Stat Kontraenti, li l-kapital tagħhom ikun għalkollox jew f'parti minnu proprjetà jew taħt il-kontroll, sew dirett sew mhux dirett, ta' xi residenti wiehed jew aktar ta' l-Istat Kontraenti l-ieħor, ma għandhom ikunu assoġġettati fl-ewwel imsemmi Stat għal ebda taxxa jew għal ebda ħtieġa konnessa ma' dan li tkun xort'oħra jew ta' iktar piż mit-taxxa u mill-ħtiġiet konnessi li għalihom ikunu jew jistgħu jkunu assoġġettati impriżi oħra bħal dawk ta' l-ewwel imsemmi Stat.

Artiklu 26
Proċedura ta' Ftehim Reċiproku

1. Meta persuna jidhrilha li l-azzjonijiet ta' xi wiehed jew taż-żewg Stati Kontraenti jirriżultawlu jew jistgħu jirriżultawlu f'taxxa li ma tkunx skond il-provvedimenti ta' dan il-Ftehim, huwa jista', irrispettivament mir-rimedji provduti mil-liġi domestika ta' dawk l-Istati, jippreżenta l-każ tiegħu quddiem l-awtorità kompetenti ta' l-Istat Kontraenti fejn huwa jkun residenti jew, jekk il-każ tiegħu jkun jaqa' taħt il-paragrafu 1 ta' l-artiklu 25, quddiem dik ta' l-Istat Kontraenti li huwa jkun ċittadin tiegħu. Il-każ għandu jiġi ppreżentat fi żmien tliet snin minn l-ewwel avviż ta' l-azzjoni li tirriżulta f'taxxa li ma tkunx skond il-provvedimenti tal-Ftehim.

2. L-awtorità kompetenti għandha tipprova, jekk l-oġġezzjoni tkun tidhrilha bħala waħda ġustifikata u jekk hi nnifisha ma tkunx tista' tasal għal soluzzjoni sodisfaċenti, tirrisolvi l-każ bi ftehim reċiproku ma' l-awtorità kompetenti ta' l-Istat Kontraenti l-ieħor, bil-għan li tiġi evitata taxxa li ma tkunx skond dan il-Ftehim. Kull ftehim li jintlaħaq għandu jiġi implimentat minkejja kull skadenza ta' terminu fil-liġi domestika ta' l-Istati Kontraenti.

3. L-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Kontraenti għandhom jippruvaw jirrisolvu permezz ta' ftehim reċiproku kull diffikultà jew dubbju li jistgħu joriġinaw dwar l-interpretazzjoni jew l-applikazzjoni tal-Ftehim.

Dawn jistgħu wkoll jikkonsultaw flimkien dwar l-eliminazzjoni ta' taxxa doppja f'dawk il-każijiet li ma jkun hemm provdut xejn dwarhom fil-Ftehim.

4. L-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Kontraenti jistgħu jikkomunikaw direttament ma' xulxin, ukoll permezz ta' kummissjoni konġunta li tkun magħmula minnhom infushom jew mir-rappreżentanti tagħhom, bl-iskop li jilħqu ftehim fis-sens tal-paragrafi ta' qabel dan. L-awtoritajiet kompetenti għandhom, permezz ta' konsultazzjonijiet, jiżviluppaw proċeduri, kundizzjonijiet, metodi u teknikalitajiet bilaterali adatti għall-implimentazzjoni tal-proċedura ta' ftehim reċiproku kif hemm provdut dwarha f'dan l-artiklu.

VERŻJONI ELETTRONIKA

Artiklu 27
Skambju ta' Informazzjoni

1. L-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Kontraenti għandhom jiskambjaw dik l-informazzjoni li tista' tkun meħtieġa għat-twettiq tal-provvedimenti ta' dan il-Ftehim jew tal-liġijiet domestiċi ta' l-Istati Kontraenti dwar it-taxxi koperti mill-Ftehim, sakemm it-taxxa li li taqa' taħthom ma tkunx tmur kontra l-Ftehim, partikolarment dwar il-prevenzjoni ta' frodi jew l-evażjoni ta' dawk it-taxxi. Kull informazzjoni li tiġi riċevuta minn Stat Kontraenti għandha tiġi ittrattata bħala waħda sigrieta bl-istess mod bħal informazzjoni li tinkiseb taħt il-liġijiet domestiċi ta' dak l-Istat. Madankollu, jekk l-informazzjoni oriġinarjament titqies bħala waħda sigrieta fl-Istat trasmittenti din għandha tiġi żvelata biss lil persuni jew awtoritajiet (inklużi qrati u korpi amministrattivi) li jkollhom x'jaqsmu ma' l-istima jew il-ġbir ta', l-infurzar jew prosekuzzjoni dwar, jew id-deċizjoni ta' appelli dwar, it-taxxi li jiffurmaw is-suġġett tal-Ftehim. Dawk il-persuni jew awtoritajiet għandhom jużaw dik l-informazzjoni biss għal dawk l-għanijiet imma jistgħu jiżvelaw l-informazzjoni fi proċeduri tal-qorti bil-miftuh jew f'deċiżjonijiet ġudizzjarji. L-awtoritajiet kompetenti għandħom, permezz ta' konsultazzjonijiet, jiżviluppaw kundizzjonijiet, metodi u teknikalitajiet adatti li jirrigwardaw dawk il-ħwejjeġ li dwarhom għandhom isiru dawk l-iskambji ta' informazzjoni, inkluż, fejn ikun adatt, skambji ta' informazzjoni dwar l-evitar ta' taxxa.

2. F'ebda każ m'għandhom il-provvedimenti tal-paragrafu 1 jiftiehmu bħala li jimponu fuq Stat Kontraenti l-obbliġu:

(a) Li jwettaq miżuri amministrattivi li ma jkunux jaqblu mal-liġijiet u mal-prattika amministrattiva ta' dak l-Istat Kontraenti jew ta' l-Istat Kontraenti l-ieħor;

(b) Li jagħti informazzjoni li ma tkunx tista' tinkiseb taħt il-liġijiet jew fil-kors normali ta' l-amministrazzjoni ta' dak l-Istat Kontraenti jew ta' l-Istat Kontraenti l-ieħor;

(ċ) Li jagħti informazzjoni li tkun tikxef xi sigriet ta' sengħa, negozju, industrija, kummerċ jew professjoni jew xi proċess kummerċjali, jew informazzjoni, li l-iżvelar tagħhom ikun imur kontra l-ordni pubbliku.

Artiklu 28
Membri ta' Missjonijiet Diplomatiċi u Karigi Konsulari

Ebda ħaġa f'dan il-Ftehim ma għandha tolqot il-privileġġi fiskali tal-membri ta' missjonijiet diplomatiċi jew ta' kariġi konsulari taħt ir-regoli ġenerali tad-dritt internazzjonali jew taħt il-provvedimenti ta' kull ftehim speċjali.

Artiklu 29
Bidu fis-Seħħ

Dan il-Ftehim għandu jidhol fis-sehh 30 ġurnata wara d-data li jasal l-avviż l-aktar tardiv permezz tal-kanali diplomatiċi li bih Stat Kontraenti wieħed javża lill-ieħor li r-rekwiżiti legali interni tiegħu għad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim ikunu twettqu. Il-Ftehim ikollu seħħ dwar *income* li jinkiseb matul is-snin ta' taxxa li jibdew għaddejin fi jew wara l-ewwel jum ta' Jannar li jiġi minnufih wara d-data meta dan il-Ftehim jidħol fis-seħħ.

Artiklu 30
Terminazzjoni

1. Dan il-Ftehim għandu jibqa' jsehh sakemm xi wieħed mill-Istati Kontraenti jagħti avviż bil-miktub li jkun bi ħsiebu jtemm il-Ftehim lill-Istati Kontraenti l-ieħor permezz tal-kanali diplomatiċi, fi jew qabel it-tletin ġurnata ta' Ġunju f'xi sena kalendarja wara li jiskadi perjodu ta' ħames snin mid-data meta dan jidħol fis-seħħ. F'dak il-każ dan il-Ftehim itemm milli jkollu seħħ dwar *income* miksub matul is-snin ta' taxxa li jibdew fi jew wara l-ewwel jum ta' Jannar tas-sena li tiġi minnufih wara dik meta jkun ingħata l-avviż ta' terminazzjoni.

2. Il-ftehim bejn Malta u r-Repubblika l-Kbira għall-Eżenzjoni mit-taxxa doppja dwar taxxi fuq l-*Income* iffirmat fil-5 ta' Ottubru 1972 u l-protokoll li hemm miegħu iffirmat fit-28 ta' April 1995 għandhom jintemmu fid-data meta dan il-Ftehim jidħol fis-seħħ. F'dak il-każ il-ftehim hawn qabel imsemmi iffirmat fil-5 ta' Ottubru 1972 i l-Protokoll li hemm miegħu hawn qabel imsemmi għandhom itemmu milli jibqa' jkollhom seħħ dwar *income* miksub matul is-snin ta' taxxa li jibdew għaddejin fi jew wara l-ewwel jum ta' Jannar tas-sena li tiġi minnufih wara dik meta dan il-Ftehim jidħol fis-seħħ.

B'XHIEDA TA' DAN is-sottoskritti, awtorizzati kif imiss biex jagħmlu dan, iffirmaw dan il-Ftehim.

Magħmul fi Tripli illum it-28 ta' Diċembru tas-sena elfejn u tmienja f'duplikat, bl-ilsien Ingliż u bl-ilsien Għarbi, iż-żewġ testi awtentiċi ndaqs.

E.T. Dott. Joseph Cassar
Ambaxxatur
GĦAL MALTA

Is-Sur Ramadan Barq
Direttur għall-Affarijiet Ewropej

GĦALL-GVERN TAR-REPUBBLIKA L-KBIRA GĦARBIJA TAL-LIBJA TAL-POPLU SOĊJALISTA

VERŻJONI ELETTRONIKA

PROTOKOLL

Malta u r-Repubblika l-Kbira Għarbija tal-Libja tal-Poplu Soċjalista qablu, meta kienu qegħdin jiffirmaw fi Tripli fit-28 Jum ta' Diċembru tas-sena elfejn u tmienja il-Ftehim bejn iż-żewġ Stati għall-ħelsien mit-taxxa doppja u l-prevenzjoni ta' evażjoni fiskali dwar it-taxxi fuq l-*income*, dwar dawn il-provvedimenti li ġejjin, li għandhom jiffurmaw parti sħiħa minn dak il-Ftehim:

1. Dwar l-Artiklu 8 (Profitti minn Negozju), it-taxxa li tista' titħallas fi Stat Kontraenti fuq il-profitti minn Negozju Konġunt, sakemm dawk il-profitti jinkisbu minn, jew jitqassmu direttament jew mhux direttament lil, Persuna Eliġibbli li tkun residenti ta' l-Istat Kontraenti l-ieħor, ma għandhiex tkun ta' iżjed minn ħmistax fil-mija (15%).

2. Dwar l-Artiklu 11 (Dividendi) –

(a) kumpannija li tkun residenti ta' Stat Kontraenti u li tkun Negozju Konġunt ikollha jedd teħtieġ li l-qliegħ jew profitti li miksubin minnha u li jistgħu jitqassmu, direttament jew mhux direttament, bħala dividend lil Persuna Eliġibbli li tkun residenti tal-Istat Kontraenti l-ieħor, minkejja li d-dividend jew parti minnu ma jkunx ġie distribwit, jiġi intaxxat b'rata li ma tkunx ta' iżjed minn ħmistax fil-mija (15 %);

(b) meta l-qligħ jew profitti ta' kumpannija jkunu ġew assoġġettati għal taxxa b'rata ta' mhux i

(ċ) iżjed minn ħmistax fil-mija (15 %) kif hemm fil-paragrafu (a), ebda taxxa oħra u aktar ma għandha titħallas f'dak l-Istat Kontraenti jew fl-Istat Kontraenti l-ieħor fuq xi dividend imħallas, direttament jew mhux direttament, minn dak il-qligħ jew profitti.

3. F'dan il-Protokoll –

(a) "Persuna Eliġibbli" tfisser:

(i) individwu residenti fi Stat Kontraenti; jew

(ii) Stat Kontraenti sottodiviżjoni politika jew awtorità tiegħu; jew

(iii) kumpannija jew xi korp ieħor ta' persuni li jkollu bħala proprjetarji għalkollox tiegħu, direttament jew mhux direttament, persuni li jkunu Persuni Eliġibbli kif hemm fis-subparagrafi (i) u (ii);

(b) "Negozju Konġunt" tifsser impriża –

(i) immexxija konġuntement minn żewġ persuni jew aktar, sew jekk imwaqqfa bħala kumpannija sew jekk mhumiex, li jinkludu

mill-inqas Persuna Eliġibbli waħda li tkun residenti ta' Stat Kontraenti and mill-inqas Persuna Eliġibbli waħda li tkun residenti ta' l-Istat Kontraenti l-ieħor; u

(ii) li l-attivitajiet tagħha ma jkunux jikkonsistu unikament jew prinċipalment f'xiri ta' oġġetti (inklużi importazzjonijiet) għal bejgħ mill-ġdid (inklużi esportazzjonijiet); u

(iii) li l-profitti tagħha jinkisbu għalkollox jew prinċipalment minn attivitajiet imwettqa fi Stat Kontraenti jew fiż-żewġ Stati Kontraenti.

B'XHIEDA TA' DAN is-sottoskritti, awtorizzati kif imiss biex jagħmlu dan, iffirmaw dan il-Protokoll.

Magħmul fi Tripli, illum it-28 ta' Diċembru tas-sena elfejn u tmienja f'duplikat, bl-ilsien Ingliż u bl-ilsien Għarbi, iż-żewġ testi awtentiċi ndaqs.

E.T. Dott. Joseph Cassar
Ambaxxatur
GĦAL MALTA

Is-Sur Ramadan Barq
Direttur għall-Affarijiet Ewropej

GĦALL-GVERN TAR-REPUBBLIKA L-KBIRA GĦARBIJA TAL-LIBJA TAL-POPLU SOĊJALISTA